MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2015

Citazzjoni Numru. 267/2014

**PKF (Malta) & Co**

**(AB/26/84/40)**

**vs.**

**PointPoker Holding Limited (C – 46821)**

**JOHAN ERIK ORRELL (Passaport Svediz Nru: 82562536); PER ANTON BERTILSSON (Passaport Svediz Nru: 81625041);**

**KARL ERIK TOMAS ANDERSSON**

**(Passaport Svediz Nru: 56404770);**

**KONSTA LAURI HENRIKKIVESTERINEN**

**(Passaport Finlandiz Nru: PT8339216);**

**RIKARD MIKAEL ERIXON**

**(Passaport Svediz Nru: 53249489);**

**JOAKIM HAILU BACKLUND**

**(Passaport Svediz Nru: 52143626);**

**MATTIAS TORMA**

**(Passaport Svediz Nru: 45762890);**

**DAVID SONELIN**

**(Passaport Svediz Nru: 52085888);**

**DANIEL RYDEMAN**

**(Passaport Svediz Nru: 62318579);**

**STEFAN MATTSSON**

**(Passaport Svediz Nru: 62986679)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat l-1 t'April, 2014, li permezz tieghu r-rikorrenti, tramite l-azzjonist taghha hemm indikat, sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1. Illi is-socjeta` rikorrenti pprestat is-servizzi professjonali taghha lis-socjeta` intimata bejn il-perjodu 2011 u 2013;

1.2. Illi rizultat tas-servizzi hekk pprestati fid-dati indikati fil-paragrafu precedenti is-socjeta` intimata intrabtet li thallas l-ammont ta’ disghat elef, tlett mija u tlieta u sittin Ewro u ghaxar centezmi, (€9,363.10);

1.3. Illi wara transazzjoni patwita bejn il-kontendenti f’Settembru 2013, dawn qabblu li s-socjeta` intimata ghandha thallas l-ammont ta’ sebat elef u hames mitt Ewro, (€7,500.00);

1.4. Illi *nonostante* l-imsemmi ftehim, is-socjeta` intimata naqqset li tottempora ruhha ma’ l-istess;

1.5. Illi in vista tal-premess, l-ammont dovut mis-socjeta` intimata lis-socjeta` rikorrenti jammonta ghalhekk ghal tnax -il elf tlett mija u erbghin Ewro, (€12,340.00);

1.6. Illi *nonostante* li interpellata biex thallas l-ammont komplessiv minnha dovut, is-socjeta` intimata baqghet inadempjenti;

1.7. Illi konsegwentement, is-socjeta` rikorrenti kienet kostretta tadixxi din il-qorti biex din:

1.7.1. Tiddikjara li l-intimati ghandhom jaghtu l-ammont ta’ tnax -il elf, tlett mija u erbghin Ewro, (€12,340.00), lis-socjeta` rikorrenti kif fuq deskritt;

1.7.2. Tiddikjara li l-intimati huma moruzi;

1.7.3. Tikkundanna lis-socjeta` intimata biex, flimkien ma’ l-intimati l-ohra, thallas l-ammont ta’ tnax -il elf, tlett mija u erbghin Ewro, (€12,340.00), lis-socjeta` rikorrenti, oltre l-imghaxijiet legali dovuti skont il-ligi sad-data ta’ l-effettiv pagament;

1.7.4. Bl-ispejjez kif dedotti kontra l-intimati;

2. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

3. Rat il-verbal ta’ l-abbli rapprezentant legali tas-socjeta` rikorrenti datat l-24 ta’ Gunju, 2015, li permezz tieghu irtira l-azzjoni *de quo* fil-konfront ta’ l-intimat Stefan Mattsson fuq indikat, li allura qieghed jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

4. Semghet lill-azzjonista tas-socjeta` rikorrenti li rega` kkonferma l-fatti kollha minnhu stess indikati fir-rikors guramentat promotur;

5. Illi in vista ta’ l-istess tqis li s-socjeta` rikorrenti ppruvat il-kaz taghha skont il-ligi;

6. Illi l-perjodu koncess lill-intimati *ai termini* ta’ l-artiklu 170 tal-Kap 12 ghadda inutilment;

**DECIDE:**

7.0. Illi ghaldaqstant tilqa` t-talbiet kollha tas-socjeta` rikorrenti u konsegwentement:

7.1. Tiddikjara li l-intimati ghandhom jaghtu l-ammont ta’ tnax -il elf, tlett mija u erbghin Ewro, (€12,340.00) lis-socjeta` rikorrenti;

7.2. Tiddikjara wkoll li l-istess intimati huma moruzi;

7.3. Tikkundanna lis-socjeta` intimata, biex flimkien ma' l-intimati l-ohra thallas l-ammont fuq indikat, (ara paragrafu numru sitta punt wiehed, (7.1.), aktar qabel), lis-socjeta` rikorrenti, oltre l-imghaxijiet legali dovuti skont il-ligi sad-data ta' l-effettiv pagament;

7.4. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kif dedotti mis-socjeta` rikorrenti fir-rikors guramentat promotur kontra l-intimati fuq indikati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------